Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għixien u tax-Xogħol

# L-Ewropa li qed tinbidel: xogħol aħjar, ħajja aħjar

## Programm tax-xogħol ta' erba' snin 2005-8





# L-Ewropa li qed tinbidel: xogħol aħjar, ħajja aħjar

## Programm tax-xogħol ta’ erba’ snin 2005-8

**Il-programm tax-xogħol ta’ erba’ snin 2005-8 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta’ l-Għajxien u tax-Xogħol kien adottat mill-Bord Amministrattiv tiegħu fit-8 ta’ Lulju 2004.**



Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2004

ISBN 92-897-0897-2

© Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2004

Għad-drittijiet ta' traduzzjoni jew riproduzzjoni, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lid-Direttur, Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, Wyatville Road, Loughlingstown, Dublin 18, l-Irlanda.

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol hija korp awtonomu ta' l-Unjoni Ewropea, maħluqa sabiex tassisti fil-formulazzjoni ta' politika futura dwar il-kwistjonijiet soċjali u dawk relatati max-xogħol. Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq il-*website* tal-Fondazzjoni **www.eurofound.eu.int**.

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol
Wyattville Road
Loughlinstown
Dublin 18
L-Irlanda

| | |
|---|---|
| Tel: | (+353 1) 204 31 00 |
| Fax: | (+353 1) 282 42 09 / 282 64 56 |
| *Email:* | information@eurofound.eu.int |
| *Web:* | www.eurofound.eu.int |

*Printed in Denmark*

Il-karta wżata f'dan il-ktieb hija ħielsa mill-klorur u ġejja minn foresti kkontrollati fit-Tramuntana ta' l-Ewropa. Għal kull siġra maqtugħa, hemm minn ta' l-inqas waħda oħra li qed tiġi miżrugħa.



# Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla | 4 |
| Introduzzjoni | 5 |
| Miri ġenerali | 9 |
| Prijoritajiet għall-2005-8 | 10 |
| Temi prinċipali | 14 |
| Valutazzjoni | 18 |

# Daħla

‘Inħarsu ’l quddiem lejn l-opportunitajiet u l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE ġdida …’

Dan id-dokument jistabbilixxi l-kwadru strateġiku għall-programm tal-Fondazzjoni tul l-erba’ snin li ġejjin (2005-8). Jenfasizza sfidi fil-ġejjieni għall-politika soċjali fl-Ewropa u jidentifika n-nuqqasijiet ta’ tagħrif li għandhom jiġu ndirizzati mill-Fondazzjoni u mill-attivitajiet ta’ riċerka tagħha fil-perjodu wara t-tkabbir l-iktar estensiv ta’ l-Unjoni Ewropea f’Mejju 2004. It-tkabbir, bl-implikazzjonijiet profondi ekonomiċi, soċjali u istituzzjonali tiegħu, jibqa’ wieħed mill-fatturi prinċipali tal-bidla tul l-erba’ snin li ġejjin. Il-mira fondamentali tal-programm ta’ erba’ snin hija li wieħed iħares ’il quddiem lejn l-opportunitajiet u l-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-UE ġdida.

Il-Fondazzjoni timmira sabiex issostni politika sabiex l-Ewropa tkun ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u li hija l-iktar kompetittiva fid-dinja, sabiex iżżid ir-rati ta’ l-impjieg u l-kwalità ta’ l-impjieg, sabiex tistimola l-innovazzjoni u s-sens ta’ intrapriża, waqt li tippromwovi l-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali – fil-qosor, sabiex tirrealizza l-miri ta’ l-istrateġija ta’ Lisbona.

F’dan il-kuntest, il-Fondazzjoni timmira sabiex tipprovdi tagħrif mill-attivitajiet ta’ monitoraġġ u riċerka oħra tagħha sabiex tifhem aħjar l-isfidi, issostni l-bidla fis-soċjetà u fl-ekonomija, u toffri lill-partijiet interessati tagħha l-informazzjoni neċessarja sabiex din il-bidla tiġi ġestita.

Il-programm jidentifika erba’ temi prinċipali bħala oqsma ta’ prijorità għax-xogħol tal-Fondazzjoni: l-impjieg; il-bilanċ bejn xogħol-ħajja; relazzjonijiet industrijali u sħubija; u l-koeżjoni soċjali. Jenfasizza wkoll l-importanza ta’ approċċ komprensiv u integrat għal dawn il-kwistjonijiet ta’ politika u jenfasizza l-ħtieġa għal komunikazzjoni effettiva ma’ l-udjenzi prinċipali tal-Fondazzjoni madwar l-Ewropa.

Il-programm dettaljat tax-xogħol huwa approvat fuq bażi annwali mill-Bord Amministrattiv tal-Fondazzjoni.

Willy Buschak
Aġent Direttur

# Introduzzjoni

‘L-għoti ta’ sostenn lix-xogħol ta’ l-atturi soċjali prinċipali responsabbli għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kondizzjonijiet aħjar ta' għajxien u ta' xogħol fl-Ewropa...’

## Il-missjoni u r-rwol tal-Fondazzjoni

Il-Fondazzjoni kienet stabbilita fl-1975 b’mandat sabiex ‘tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta’ ħajja aħjar u kondizzjonijiet ta’ xogħol permezz ta’ azzjoni maħsuba biex iżżid u xxerred għarfien li x’aktarx jassisti dan l-iżvilupp’.[1] Bħala ċentru għal riċerka u monitoraġġ, il-Fondazzjoni timmira sabiex tkun referenza u fonti ta’ l-informazzjoni prinċipali dwar it-titjib ta’ kondizzjonijiet ta’ l-għajxien u tax-xogħol fl-Ewropa.

Ħafna mill-kwistjonijiet li l-Fondazzjoni eżaminat fi snin riċenti - bħax-xjuħija, il-ħin tax-xogħol, u s-soċjetà ta’ l-informazzjoni – huma issa għoljin fuq l-aġenda soċjali Ewropea. Tul l-aħħar għaxar snin, il-Fondazzjoni pprovdiet lill-partijiet interessati tagħha u lill-pubbliku ġenerali b’bażi ta’ tagħrif estensiv ta’ *data* komparattiva dwar relazzjonijiet industrijali, kondizzjonijiet tax-xogħol u aspetti relatati ta’ kondizzjonijiet ta’ l-għajxien. L-Osservatorju Ewropew ta’ Relazzjonijiet Industrijali, l-inkjesta dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol Ewropej u l-inkjesta l-ġdida dwar il-Kondizzjonijiet ta’ l-Għajxien huma fonti uniċi ta’ tagħrif. Tul il-programm preċedenti tagħha ta’ erba’ snin (2001-2004), l-attivitajiet ta’ riċerka u monitoraġġ tal-Fondazzjoni kienu progressivament estiżi sabiex jinkludu l-għaxar Stati Membri ġodda u t-tliet pajjiżi kandidati rimanenti.

Fl-2001 il-Fondazzjoni saħħet iktar il-kapaċità ta’ monitoraġġ tagħha bit-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta’ Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC). Dan jinvolvi firxa ta’ attivitajiet ta’ *networking*, riċerka, informazzjoni u tixrid li jiffukaw fuq li wieħed jifhem u jantiċipa l-bidla industrijali fl-Ewropa.

Riċerka li teżamina esperjenza prattika u tidentifika fatturi għal bidla ta’ suċċess tikkumplimenta l-għajnuniet ta’ monitoraġġ u analiżi relatati. Il-Fondazzjoni b’hekk ma tikkontribwixxix biss għad-dokumentazzjoni u għal li wieħed jifhem il-bidla, iżda wkoll għall-iżvilupp u għall-komunikazzjoni ta’ ideat għat-titjib għal żmien medju u għal żmien twil tal-kondizzjonijiet ta’ l-għajxien u tax-xogħol.

[1] *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1365/75 tas-26 ta’ Mejju 1975*

Il-biċċa l-kbira ta' l-*impetus* għax-xogħol l-iktar riċenti tagħha ttieħdet mill-isfidi u mill-miri ta' l-istrateġija ta' Lisbona. Dan jeħtieġ azzjoni fuq il-fronti kollha – l-impjieg, kondizzjonijiet ta' kwalità tajba ta' l-għajxien u tax-xogħol – fl-istess ħin.

Il-livell tal-post tax-xogħol jew tal-kumpannija, fejn qiegħda sseħħ il-bidla, jimmerita attenzjoni akbar – bħal ma jimmeritaw il-fatturi strutturali li jmexxu l-bidla fil-post tax-xogħol. Il-postijiet tax-xogħol għandhom jiġu ppreparati għal bidla u innovazzjoni kontinwa. Il-Fondazzjoni tista' tiżvolġi rwol prinċipali fil-ħolqien ta' fehma unita fost il-partijiet kollha interessati tal-bidliet meħtieġa fil-livell tal-post tax-xogħol u fil-promozzjoni ta' ħeġġa sabiex wieħed iħaddan mezzi ġodda ta' ħidma.

L-awtonomija, il-mandat wiesa' u l-istruttura tripartitika tal-Fondazzjoni jagħmluha adattata b'mod partikolari sabiex tippromwovi approċċ integrat u multidimensjonali lejn it-titjib tal-kwalità tax-xogħol u tal-ħajja u lejn l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla. Dan jippermettilha tirrispondi tajjeb għall-mira ta' approċċ iktar koordinat lejn politiki ekonomiċi, ta' l-impjieg u soċjali f'livell ta' l-UE.

L-udjenzi mira tal-Fondazzjoni jinkludu l-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba soċjali u dawk ikkonċernati b'politiki ekonomiċi soċjali f'livell ta' l-UE. Permezz ta' rabta bejn riċerka u kwistjonijiet ta' politika l-Fondazzjoni timmira sabiex tipprovdi informazzjoni li hija rilevanti għal dawk li jiddisinjaw u jimplimentaw il-politika.

Ix-xogħol tagħha huwa wkoll ta' valur għal dawk li jġestixxu l-bidla u jimplimentaw titjib fuq l-art f'postijiet tax-xogħol u fil-lokalitajiet. L-istruttura ta' governanza tripartitika tagħha tiffaċilita l-parteċipazzjoni attiva ta' dawn l-atturi soċjali prinċipali fl-iżvilupp, fid-dibattitu u fit-tixrid tax-xogħol tal-Fondazzjoni.

## Il-kuntest tal-bidla

It-tkabbir jippreżenta opportunitajiet maġġuri għall-iżvilupp soċjali, ekonomiku u kulturali ta' l-Ewropa. Ir-riċerka tal-Fondazzjoni wriet li l-Ewropej kollha għandhom ideat simili dwar x'jikkontribwixxi għall-kwalità tal-ħajja tagħhom: saħħa tajba, qligħ suffiċjenti u familja ta' sostenn. Ikun hemm il-ħtieġa li tissaħħaħ il-politika soċjali fil-perjodu wara t-tkabbir, hekk kif sfidi eżistenti jsiru iktar urġenti u jirriżultaw sfidi ġodda. Ħafna kwistjonijiet li kienu importanti fi snin preċedenti għadhom jeżistu u dawn jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll: in-nuqqas ta' impjieg, paga baxxa u faqar, id-diżabilità u l-mard, inadegwatezzi f'servizzi jew f'sistemi tas-saħħa, soċjali u oħrajn pubbliċi, relazzjonijiet industrijali, aċċess għal teknoloġiji ta' l-informatika u ta' komunikazzjoni. Xi gruppi żvantaġġati x'aktarx jeħtieġu iktar attenzjoni speċifika.

Id-diversità dejjem tikber ta' valuri kulturali u esperjenzi fl-arena soċjali, kif ukoll differenzi bejn pajjiżi u reġjuni fil-produttività u fl-impjieg kollha jkollhom impatt fuq l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. It-Tielet Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali jenfasizza l-importanza ta' kapital uman u l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ iżda wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati fatturi prinċipali oħra għal kompetittività bħall-kapital fiżiku u

soċjali, il-kapaċità innovattiva u l-kwalità ambjentali. Ir-rabtiet bejn żvilupp soċjali u ekonomiku u l-protezzjoni ambjentali jeħtieġ li jiġu rinforzati.

L-Istrateġija ta' Lisbona tirrappreżenta l-approċċ prinċipali ta' l-UE għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Tippreżenta tliet miri komplimentari u reċiprokament sostenibbli: impjieg sħiħ, kwalità u produttività fuq ix-xogħol, u koeżjoni u inklużjoni soċjali. Biex dawn l-isfidi jintlaħqu sabiex wieħed jibqa' kompetittiv fl-ekonomija globali, biex jinbnew u jinżammu l-produttività u l-impjieg, u wkoll biex tiġi pprovduta kwalità għolja ta' kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, partikolarment f'ekonomija mibnija fuq it-tagħrif, jeħtieġ informazzjoni preċiża, rilevanti, f'waqtha u prattika mill-Fondazzjoni sabiex l-atturi prinċipali jiġu sostnuti f'dan il-proċess.

Li jintlaħqu l-objettivi ta' Lisbona hija mira ambizzjuża u r-rapport tat-*Taskforce* Ewropew ta' l-Impjieg, ippresedut minn Wim Kok, jenfasizza l-ħtieġa li l-impjieg jingħata spinta – kemm għall-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll sabiex jiġu trattati l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ integrat sabiex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali ta' globalizzazzjoni, integrazzjoni ekonomika u x-xjuħija rapida tal-popolazzjoni. Stati Membri, imsieħba soċjali, intrapriżi u ħaddiema għandhom iżidu l-kapaċità tagħhom sabiex il-bidla tiġi antiċipata, instigata u assorbita, jekk għandhom jinħolqu u jimtlew iktar impjiegi u impjiegi aħjar. Sabiex jintlaħqu rati ogħla ta' impjieg, huwa kritiku li iktar persuni jinżammu f'impjieg kif ukoll li iktar persuni jiġu atratti lejn is-suq tax-xogħol, partikolarment nisa u ħaddiema ta' età ikbar.

Ir-reviżjoni ta' l-Aġenda Ewropea ta' Politika Soċjali f'nofs l-2003 ikkonfermat il-ħtieġa li l-kwalità tiġi promossa bħala l-forza ta' tmexxija ta' ekonomija li qiegħda tiffjorixxi għall-produzzjoni ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar u koeżjoni soċjali akbar. L-implimentazzjoni tat-tieni nofs ta' l-Aġenda tiffoka fuq li jintlaħqu iktar impjiegi u impjiegi aħjar, fuq il-bilanċ bejn flessibiltà u sigurtà, fuq il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni, fuq il-modernizzazzjoni ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali, u fuq il-promozzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri eżistenti u fl-Istati Membri l-ġodda.

Żviluppi oħra bħall-użu miżjud tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, l-analiżi komparattiva u l-iżvilupp ta' indikaturi u strateġiji bbażati fuq miri fil-politika soċjali kollha għandhom implikazzjonijiet importanti għall-ġestjoni tal-bidla u għaldaqstant għax-xogħol fil-ġejjieni tal-Fondazzjoni. Fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, l-analiżi komparattiva kontra żviluppi barra l-UE, per eżempju fl-Istati Uniti, fil-Ġappun, fiċ-Ċina u fl-Indja, għandha tiġi kkontrollata.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tal-Bidla jiġbor u jiskambja speċifikament informazzjoni sabiex ikun hemm ftehim, antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar ta' bidla f'kumpanniji, setturi u reġjuni. Kumpanniji u l-post tax-xogħol – bħala bażi għall-bidla – huma ċentrali għall-interessi usa' tal-Fondazzjoni fil-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol. Il-Fondazzjoni tista' tiżvolġi rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-kapaċità Ewropea għall-bidla. Fil-ftit snin li ġejjin, tiddedika iktar mill-attivitajiet tagħha sabiex tifhem aħjar x'inhu li jmexxi l-bidla u

għal antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tal-bidla. Il-Fondazzjoni hija partikolarment stabbilita tajjeb sabiex tħares lejn l-istrutturi, it-teknoloġiji, il-prattiki u l-kulturi li jistgħu jew jgħinu jew jostakolaw tagħlim u innovazzjoni organizzazzjonali.

Konsiderazzjonijiet essenzjali jinkludu l-importanza dejjem tikber ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, arranġamenti ġodda tal-ħin tax-xogħol, mobilità ta' impjiegi u produzzjoni, deċentralizzazzjoni ta' servizzi u governanza, innovazzjonijiet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, żvilupp f'kapital uman, riċerka u teknoloġija.

Bidliet demografiċi u soċjali (partikolarment l-età dejjem tikber tal-forza tax-xogħol u tal-popolazzjoni in ġenerali iżda wkoll bidliet riċenti u rapidi fl-istruttura tal-familja, fir-rati ta' fertilità, fil-mobilità/migrazzjoni) huma sfida kontinwa għall-modernizzazzjoni u r-riforma ta' protezzjoni soċjali – speċjalment sigurtà soċjali u pensjonijiet – hekk bħalma huma l-persistenza tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali. Għandhom ukoll konsegwenzi importanti għal strateġiji ta' l-impjieg u tas-suq tax-xogħol, għall-governanza u għal sistemi ta' relazzjonijiet industrijali.

Il-programm ta' erba' snin tal-Fondazzjoni jimmira sabiex jindirizza l-isfidi u l-miri spjegati hawn fuq. Huwa ddisinjat primarjament sabiex isostni x-xogħol ta' l-atturi soċjali prinċipali flimkien mar-responsabbiltà għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kondizzjonijiet aħjar tal-ħajja u tax-xogħol fl-Ewropa.

# Miri ġenerali

‘L-irrinforzar ta’ attivitajiet bażiċi, it-tisħiħ tar-rwol ta’ monitoraġġ u l-iżvilupp ta’ perspettiva li tħares ’il quddiem fl-oqsma kollha…’

Il-programm ta’ erba’ snin tal-Fondazzjoni huwa ffurmat minn żviluppi riċenti u probabbli fil-ġejjieni fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropea, kif ukoll minn xejriet u bidliet ġodda barra l-UE. Jirrifletti wkoll stima mill-ġdid tar-rwol tal-Fondazzjoni u tal-kapaċità tagħha sabiex tkompli tissodisfa l-mandat tagħha b’mod effettiv u effiċjenti. Dan il-proċess ikkawża serje ta’ orjentazzjonijiet ġenerali għall-iżvilupp tal-programm tax-xogħol tul l-erba’ snin li ġejjin:

- **L-iżvilupp u r-rinfurzar ta’ l-attivitajiet prinċipali ta’ riċerka, dibattitu u tixrid ta’ informazzjoni**
  Il-mira ġenerali hija li jiżdiedu l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-koerenza tagħhom.
- **It-tisħiħ ta’ l-attivitajiet prinċipali ta’ monitoraġġ u tar-riċerka tagħha**
  Il-mira hija li tiġi assigurata informazzjoni ta’ kwalità għolja u rilevanti fir-rigward ta’ politika fl-oqsma ta’ kondizzjonijiet tax-xogħol, kondizzjonijiet tal-ħajja, relazzjonijiet industrijali u ċ-Ċentru Ewropew ta’ Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC).
- **L-iffukar fuq numru limitat ta’ temi ta’ politiki prinċipali**
  Dan jinvolvi bini fuq is-saħħiet prinċipali tiegħu, fuq l-attivitajiet ta’ monitoraġġ tagħha u fuq xogħol iktar bikri, b’kont meħud ta’ riżorsi disponibbli u tal-ħtiġijiet ta’ l-udjenzi mira tagħha.
- **L-iżvilupp tax-xogħol tagħha fid-dawl ta’ esperjenza prattika**
  Dan jinvolvi l-analiżi ta’ inizjattivi f’postijiet tax-xogħol u f’kumpanniji b’mod partikolari, iżda wkoll f’komunitajiet u f’reġjuni.
- **Enfasi fuq perspettiva li tħares ’il quddiem fl-attivitajiet tagħha**
  Din hija mmirata lejn it-titjib tal-potenzjal u tal-kapaċitajiet ta’ l-atturi soċjali prinċipali sabiex il-bidla tiġi antiċipata, ġestita u miżmuma; il-Fondazzjoni għandha għalhekk tadotta approċċ flessibbli li twieġeb għal prijoritajiet ġodda hekk kif jiżviluppaw.
- **L-estensjoni tal-perspettiva rġiel/nisa**
  Din teħtieġ l-integrazzjoni ta’ perspettiva rġiel/nisa f’attivitajiet ta’ ppjanar, ipprogrammar, implimentazzjoni u valutazzjonijiet b’mod komprensiv u rilevanti fir-rigward ta’ politika tul ix-xogħol tal-Fondazzjoni.
- **L-inklużjoni ta’ perspettiva settorali (setturi privati u pubbliċi) fix-xogħol tagħha**
  L-għażla ta’ setturi speċifiċi tkun determinata mir-riżultati ta’ l-analiżi tagħha ta’ bidla kif ukoll minn miri ta’ politika ta’ l-UE.

# Prijoritajiet għall-2005-8

## ‘Il-monitoraġġ tal-bidla, l-eżaminazzjoni ta’ dak kollu li jaħdem, u t-tixrid ta' ideat u esperjenza...’

It-tmien programm ta’ erba’ snin tal-Fondazzjoni jibni fuq saħħiet eżistenti, oqsma ta’ esperjenza u servizzi ppruvati. Huwa orjentat lejn il-ġejjieni u jżomm kapaċità għall-esplorazzjoni ta’ kwistjonijiet ġodda u li jirriżultaw hekk kif l-Ewropa tersaq lejn l-2010. Talbiet dejjem jiżdiedu u stennijiet ogħla mill-partijiet interessati u mill-utenti tagħha jeħtieġu li l-Fondazzjoni tibqa’ flessibbli u responsiva, tfittex effiċjenza akbar waqt li ssaħħaħ il-kwalità u l-valur ta’ l-attivitajiet tagħha.

*Il-programm tax-xogħol jiġi organizzat madwar tliet kompiti ewlenija li għandhom jitwettqu fir-rigward ta’ erba’ oqsma tematiċi prinċipali:*

1. Monitoraġġ u komprensjoni tal-bidla.
2. Riċerka u esplorazzjoni ta’ x’jaħdem.
3. Komunikazzjoni u tqassim ta’ ideat u esperjenza.

*Il-miri ġenerali japplikaw għat-tliet kompiti.*



### Monitoraġġ u komprensjoni tal-bidla

L-għajnuniet ta’ monitoraġġ tal-Fondazzjoni jinkludu kemm inkjesti ta’ kwestjonarji perjodiċi (kondizzjonijiet tax-xogħol, kondizzjonijiet ta’ l-għajxien, kumpanniji) kif ukoll rappurtaġġ regolari dwar żviluppi ġodda minn korrispondenti u istituti fi Stati Membri permezz ta’ l-Osservatorju Ewropew dwar Relazzjonijiet Industrijali (EIRO), l-Osservatorju Ewropew dwar Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) u l-Monitoraġġ Ewropew ta’ Ristrutturazzjoni (ERM) – dan ta’ l-aħħar parti miċ-Ċentru Ewropew ta’ Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC).

L-inkjesti jippermettu l-Fondazzjoni tiġbor u tanalizza *data* paragunabbli dwar is-sitwazzjoni madwar l-UE fuq bażi regolari. Esplorazzjoni dettaljata ta’ din id-*data* tippermetti lill-Fondazzjoni tidentifika xejriet ġodda u li jiżviluppaw, kif ukoll li tapprofondixxi fehma ta’ kwistjonijiet ta’ politika. Ir-riżultati ta’ l-inkjesti, minbarra li joffru fonti unika ta’ informazzjoni, jipprovdu bażi soda għad-definizzjoni ta’ opportunitajiet għat-titjib u għall-iżvilupp ta’ perspettivi li jħarsu ’l quddiem. Ġie muri b’mod konsistenti li l-organizzazzjoni regolari ta’ inkjesti u l-preżentazzjoni u l-analiżi sistematika ta’ rapporti minn Stati Membri huma riżorsi mfittxija ħafna.

*Fl-erba’ snin li ġejjin il-Fondazzjoni:*

- Tkompli tipprovdi *data* regolari u ta’ kwalità għolja dwar xejriet u żviluppi fl-Ewropa mkabbra, u f’pajjiżi li mhumiex parti mill-UE kif approprjat.
- Tfittex li ssaħħaħ il-kwalità u r-rilevanza ta’ l-għajnuniet tagħha ta’ monitoraġġ, billi tesplora s-sinerġiji, kemm internament kif ukoll ma’ riżorsi barranin.

- Teżamina mill-ġdid u ttejjeb inizjattivi iktar ġodda bħall-EWCO.
- Tagħti attenzjoni dejjem ikbar lill-assigurazzjoni ta' analiżi komparattiva tajba u ssaħħaħ il-kapaċità interna għal esplojtazzjoni ta' *data*.
- Tiżviluppa aktar l-istrumenti ta' monitoraġġ tal-Fondazzjoni bħala għajnuniet primarji għall-antiċipazzjoni u għall-ġestjoni tal-bidla.
- Issaħħaħ ir-rwol ta' EMCC bħala strument primarju fil-promozzjoni tal-kapaċità ta' l-Ewropa li tantiċipa u ġġesti l-bidla.
- Tespandi l-monitoraġġ ta' xejriet u żviluppi tul iż-żoni ta' fruntiera bejn Stati Membri ġodda u dawk antiki.

*Il-programm ta' erba' snin jibni fuq esperjenza preċedenti, u jimplimenta ċiklu wieħed sħiħ ta' inkjesti eżistenti:*

- l-inkjesta dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-2005;
- il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fl-2007; u
- inkjesta dwar kumpanniji ġodda fl-2008.

Dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ isegwu l-miri ġenerali għall-erba' snin li ġejjin u jirrelataw għall-oqsma tematiċi prinċipali sabiex jassiguraw koerenza bejn it-tliet kompiti prinċipali għall-2005-8.

[2] *L-Artikolu 2.2 tar-Regolament ta' Stabbiliment*

## Ir-riċerka u l-esplorazzjoni ta' x'jaħdem

Skond il-mandat tagħha, il-Fondazzjoni għandha l-kompitu li tiżviluppa ideat dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol fid-dawl ta' esperjenza prattika[2]. Dan ifisser l-esplorazzjoni kemm ta' x'jaħdem kif ukoll ta' x'ma jaħdimx. L-attivitajiet ta' monitoraġġ jinvolvu analiżi estensivi iżda l-Fondazzjoni timmira sabiex tikkumplimentahom b'iktar informazzjoni u riċerka dwar il-ġestjoni ta' bidla u l-iżvilupp ta' innovazzjoni. Tagħmel studji sabiex tikkontrolla d-dimensjonijiet umani u soċjali ta' tkabbir u kompetittività, waqt li tanalizza kemm l-implimentazzjoni kif ukoll ir-riżultat ta' inizjattivi ta' bidla. Dan jista' jinvolvi studju ta' każijiet u riċerka ta' azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' post tax-xogħol u lokali, f'setturi speċifiċi ta' attività jew f'reġjuni fi Stati Membri magħżula.

*Il-Fondazzjoni:*

- Twettaq studji profondi ta' riċerka dwar inizjattivi speċifiċi ta' politika u ta' prattika u l-fatturi li jinfluwenzaw l-iżvilupp tagħhom, waqt li timmira sabiex tidentifika lezzjonijiet prinċipali għal implimentazzjoni effettiva u prattika ta' suċċess.

- Tispeċifika b'mod ċar il-kriterji għas-selezzjoni ta' dawn il-proġetti ta' riċerka fil-programmi annwali tax-xogħol tagħha, b'kont meħud tar-riżultati tal-monitoraġġ tagħha u ta' riċerka oħra, tal-miri kurrenti tal-politika ta' l-UE fl-oqsma kkonċernati u tat-temi prinċipali enfasizzati għall-perjodu 2005-8.
- Tistabbilixxi, kif approprjat, bażijiet tad-*data* ta' esperjenza prattika, li jistgħu jsostnu analiżi iktar lonġitudinali u dinamika tas-sostenibbiltà ta' miżuri ta' titjib.

Il-Fondazzjoni tapplika approċċ integrat u multidimensjonali ta' kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-ħajja, waqt li toqgħod attenta għar-rabtiet bejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-għajxien u politiki relatati, u għar-rwoli ta' atturi differenti kkonċernati. Il-Fondazzjoni ma tiffukax biss fuq problemi jew fuq gruppi jew setturi speċifiċi f'diffikultà iżda tieħu approċċ iktar pożittiv, billi tidentifika opportunitajiet f'bidliet soċjali u ekonomiċi sabiex tipprevjeni li jirriżultaw problemi. L-istudji f'dan il-qasam jirriflettu l-miri ġenerali u t-temi prinċipali għall-2005-8.

## Komunikazzjoni u tqassim ta' ideat u esperjenza

Il-Fondazzjoni hija mandata sabiex tħaddan l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza[3]. B'hekk jeħtieġ li tkun proattiva fit-trasferiment u fil-komunikazzjoni tar-riżultati tax-xogħol tagħha lill-partijiet interessati, lil gruppi mira u lill-varji intermedjarji ta' informazzjoni tagħha. Għandha wkoll tipprovdi opportunitajiet għall-atturi involuti fil-politika soċjali ta' l-UE sabiex tiddibatti u tiskambja ideat u esperjenza fuq kwistjonijiet soċjali magħżula.

*Tul il-perjodu ta' erba' snin li ġej il-Fondazzjoni:*

- Tappoġġa t-tqassim ta' esperjenza prattika u ta' riżultati minn riċerka f'Ewropa mkabbra (seminars adattati, rettikolati ta' kumpanniji u ta' skejjel kummerċjali, l-iżvilupp ta' materjal ta' tagħlim minn xogħol tal-Fondazzjoni).
- Tiżviluppa l-kapaċità ta' atturi prinċipali sabiex jittrattaw sfidi ġodda billi tqajjem kuxjenza fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika li jirriżultaw jew fil-ġejjieni, tipprovdi kunċetti u mudelli sabiex jiġi assistit ħsieb strateġiku, u ssostni l-użu ta' metodi jew għajnuniet rilevanti sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.
- Issaħħaħ il-funzjoni ta' dibattitu tagħha billi tipprovdi opportunitajiet għall-atturi differenti, bħal awtoritajiet pubbliċi, imsieħba soċjali, prattikanti, riċerkaturi, sabiex tiddiskuti r-riżultati tax-xogħol tal-Fondazzjoni (*workshops* fuq livell ta' proġetti, seminars ibbażati fuq tema/kwistjoni, konferenzi maġġuri, inkluż il-Forum bi-annwali).

[3] *Artikolu 3.1 tar-Regolament ta' Stabbiliment*

Il-Fondazzjoni hija wkoll mandata sabiex tikkopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituti, fondazzjonijiet u korpi speċjalizzati fl-Istati Membri jew f'livell internazzjonali.[4] Dan japplika b'mod partikolari għall-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u għas-Sigurtà fuq ix-Xogħol f'Bilbao, fejn il-Fondazzjoni tibni fuq il-ftehim eżistenti ta' kooperazzjoni. Il-Fondazzjoni tesplora l-possibbiltà li tilħaq ftehim simili ma' aġenziji oħra, bħall-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent f'Kopenħagen.

Il-bini ta' *networks* dejjem kien ta' għajnuna importanti għall-Fondazzjoni. Il-Fondazzjoni terġa' teżamina n-*networks* u l-komunitajiet ta' prattika tagħha (formali u informali) sabiex ittejjeb il-kooperazzjoni fil-ġbir tad-*data*, fit-trasferiment ta' tagħrif u fl-iskambju ta' esperjenza. Il-mira hija li tiġi żviluppata strateġija iktar formali għal din l-attività għall-erba' snin li ġejjin, li tispeċifika t-tipi ta' *networks*, il-membri tagħhom u l-iskop tagħhom kif ukoll l-obbligi tagħhom u r-riżultati mistennija.

*Il-miri prinċipali għal attivitajiet ta' komunikazzjoni jkunu:*

- Li x-xogħol tal-Fondazzjoni jiġi kkomunikat lill-udjenzi ta' mira tagħha b'mod f'waqtu u rilevanti permezz ta' preżentazzjonijiet orali, laqgħat u avvenimenti, prodotti stampati u elettroniċi.
- Li jiġu pprovduti prodotti u riżultati adattati għall-ħtiġijiet ta' l-istadji varji ta' żvilupp ta' politika u ta' prattika mill-istadju ta' kunċett u disinn għall-konsegwenzi prattiċi ta' implimentazzjoni u stima.
- Li jiġu pprovduti għajnuniet u metodi sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess kontinwu u interattiv għal informazzjoni tal-Fondazzjoni permezz ta' użu mtejjeb ta' teknoloġija u l-ippakkjar mill-ġdid ta' informazzjoni tal-Fondazzjoni kif approprjat.
- Li tingħata gwida sabiex tinstab informazzjoni rilevanti (katalgi, indiċi, *links*);
- Li jsir użu iktar effettiv ta' għajnuniet b'bażi ta' internet għas-sostenn tat-tixrid u l-użu tar-riżultati tax-xogħol tal-Fondazzjoni, b'mod partikolari d-*data* mill-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha.

Pjan annwali ta' komunikazzjoni jifforma parti mill-programm annwali ta' xogħol. Dan iwieġeb għal domandi mill-utenti u jassigura li gruppi mira jinżammu informati bi żviluppi u bi kwistjonijiet tematiċi. Pjan strateġiku għall-applikazzjoni ta' teknoloġija informatika u ta' komunikazzjoni jappoġġa l-kapaċità tal-Fondazzjoni li tikkomunika ma' u tinforma l-udjenzi mira tagħha.

[4] *Artikolu 3.2 idem.*

# Temi prinċipali

‘L-enfasi fuq erba’ temi prinċipali sabiex tinkiseb koerenza fl-oqsma differenti ta’ kompetenzi speċjali…’

Il-Fondazzjoni identifikat erba’ temi prinċipali għall-perjodu 2005-8 biex tesplora f’iktar dettall:

- L-Impjieg.
- Il-Bilanċ bejn xogħol – ħajja.
- Relazzjonijiet industrijali u sħubija.
- Koeżjoni soċjali.

Dawn it-temi ġew magħżula abbażi tal-mandat u tas-saħħiet partikolari tal-Fondazzjoni. Jirriflettu l-elementi prinċipali ta’ l-istrateġija ta’ Lisbona u tal-politika soċjali ta’ l-UE, kif ukoll sfidi essenzjali – issa u fil-ġejjieni – għall-Ewropa mkabbra. Il-Fondazzjoni tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq dawn it-temi ta’ prijorità – fl-attivitajiet ta’ monitoraġġ tagħha, fl-esplorazzjoni ta’ x’jaħdem u fil-komunikazzjoni u t-tqassim ta’ esperjenza – sabiex tintlaħaq koerenza fl-oqsma differenti tagħha ta’ esperjenza.

Xi indikazzjonijiet tal-kwistjonijiet f’kull tema li jistgħu jiġu indirizzati fir-riċerka, fid-dibattitu u fit-tixrid huma pprovduti bħala spjegazzjoni tal-qasam ta’ applikazzjoni possibbli tax-xogħol. Is-selezzjoni attwali tiġi definita aktar fil-programmi tax-xogħol annwali, ibbażata fuq ir-riżultati ta’ riċerka preċedenti u b’kont meħud ta’ prijoritajiet ta’ politika f’livell ta’ l-UE, b’mod partikolari fir-rigward ta’ tkabbir u li jintlaħqu l-miri ta’ l-Istrateġija ta’ Lisbona.

## L-Impjieg

Il-Fondazzjoni diġà stabbiliet korp sostanzjali ta’ tagħrif u esperjenza dwar ir-rabtiet bejn il-flessibiltà, il-produttività u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. Madankollu, ir-relazzjoni bejn il-flessibiltà u l-impjieg tkun suġġett importanti għal riċerka ulterjuri. Kondizzjonijiet tax-xogħol huma parti integrali mix-xogħol prinċipali tal-Fondazzjoni u t-titjib ta’ l-impjieg f’termini ta’ kwantità u kwalità ta’ impjiegi huwa prijorità għolja tal-politika ta’ l-UE. Opportunitajiet ugwali u aċċess aħjar għall-impjieg huma ċentrali kemm għall-istrateġiji ta’ Lisbona kif ukoll għal dawk Ewropej ta’ l-Impjieg.

Ir-riżultati ta’ l-inkjesta dwar il-kumpanniji ta’ l-2004 u l-inkjesta dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta’ l-2005 u l-analiżi sussegwenti tagħhom, flimkien mal-Monitoraġġ Ewropew ta’ Ristrutturazzjoni ta’ l-EMCC, jipprovdu *data* ta’ valur għas-sostenn ta’ xogħol fuq din it-tema. Jipprordu wkoll iktar studji profondi dwar esperjenzi prattiċi bl-implimentazzjoni ta’ attivitajiet ta’ żvilupp fil-post tax-xogħol. L-Istudji jidentifikaw bidliet futuri fis-suq tax-xogħol f’livelli settorjali u nazzjonali, u miżuri għat-titjib ta’ rabtiet bejn id-domanda u l-

fornitura ta' ħaddiema. Ir-riċerka tagħti attenzjoni partikolari lir-reklutaġġ u liż-żamma ta' gruppi vulnerabbli fl-impjieg.

Kwistjonijiet li jistgħu jiġu eżaminati jinkludu: forom u mudelli ġodda tax-xogħol; il-modernizzazzjoni ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol; l-iżvilupp ta' kapaċità għal innovazjoni fil-post tax-xogħol; ir-rwol ta' fatturi esterni fil-bini ta' kapaċità għal innovazzjoni u modernizzazzjoni; l-iżvilupp ta' sens ta' intrapriża u ta' *networking* bejn kumpanniji; mobilità ta' impjieg/professjonali; il-moviment ta' impjiegi bejn reġjuni u pajjiżi; kapital uman, tagħlim fit-tul, l-iżvilupp tal-karriera, gwida/konsulenza professjonali u l-ġestjoni tar-riskji; il-kwalità tax-xogħol u żviluppi fil-post tax-xogħol fir-rigward tal-kompetittività, il-produttività u l-ħolqien ta' impjiegi; sens ta' intrapriża; aċċess għal u żamma/integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol, speċjalment għal gruppi żvantaġġjati; il-ġestjoni ta' ġenerazzjonijiet differenti fil-post tax-xogħol.

## Bilanċ bejn xogħol-ħajja

Il-Fondazzjoni għandha sezzjoni partikolari fl-investigazzjoni ta' l-interrelazzjonijiet bejn il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol, inkluża l-ħtieġa li l-obbligi tal-ħajja tax-xogħol jiġu rikonċiljati mal-familja, ma' tagħlim fit-tul, ma' impenji li m'għandhomx x'jaqsmu max-xogħol u ma' ħin għal rikreazzjoni. Is-soluzzjoni tal-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet iffaċċjati minn ħaddiema, kemm irġiel kif ukoll nisa, u l-familji tagħhom hija importanti mhux biss f'termini tal-kwalità tal-ħajja tagħhom, iżda wkoll f'li jintlaħqu r-rati ogħla ta' impjieg u t-tkabbir ekonomiku kompetittiv tal-miri ta' Lisbona.

Informazzjoni u analiżi tar-riżultati ta' l-inkjesta dwar il-kwalità tal-ħajja tal-Fondazzjoni, l-inkjesta dwar il-kumpanniji 2004 u l-inkjesta dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-2005 jipprovdu opportunità sabiex wieħed iħares mill-ġdid lejn din il-kwistjoni li ilha teżisti u jimmira riċerka ulterjuri dwar miżuri għat-titjib tas-sitwazzjoni.

Kwistjonijiet għal attenzjoni speċifika jistgħu jinkludu: l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda f'kumpanniji u negozjati kollettivi, partikolarment minn perspettiva ta' ħajja; rabtiet bejn il-bilanċ xogħol-ħajja u l-kompetittività u l-ħolqien ta' impjiegi; ir-rwol ta' politiki u servizzi rilevanti (impjieg, pensjonijiet, sigurtà soċjali, kura, edukazzjoni, ambjent/trasport/*housing*); ir-rwol ta' awtoritajiet pubbliċi u atturi barra l-kumpannija fis-sostenn ta' ħaddiema u ta' persuni li jimpjegaw għall-implimentazzjoni ta' perspettiva ta' ħajja fl-organizzazzjoni tax-xogħol; *links* għal xjuħija u bidla

demografika; żviluppi fil-politika tal-familja; kwistjonijiet għal kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema (eż. ġenituri, persuni fil-kura ta' anzjani u ta' persuni dipendenti, ħaddiema ikbar u migranti) u għal SME u mikrointrapriżi.

## Relazzjonijiet industrijali u sħubija

Bħala organizzazzjoni tripartitika b'relazzjonijiet tax-xogħol ta' żmien twil ma' l-imsieħba soċjali u ma' l-awtoritajiet pubbliċi f'livell ta' l-UE u nazzjonali, il-Fondazzjoni hija f'pożizzjoni soda sabiex tiffaċilita d-dibattitu fost l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi. B'mod partikolari l-Fondazzjoni għandha esperjenza estensiva fil-monitoraġġ u fl-analiżi tar-rwoli ta' l-atturi ta' relazzjonijiet industrijali, fil-proċessi u fir-riżultati ta' relazzjonijiet industrijali.

L-EIRO jkompli bħala parti importanti tax-xogħol prinċipali tal-Fondazzjoni u jikkontribwixxi għat-temi prinċipali kollha. Madankollu, il-kwistjoni ta' sħubija hija suġġett proprju, partikolarment minħabba l-fatt tat-tkabbir ta' l-UE u l-importanza ta' dawn il-proċessi bħala mezz ta' titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-ġestjoni u l-antiċipazzjoni tal-bidla. Is-sħubija fil-post tax-xogħol hija potenzjalment fonti importanti ta' tmexxija ta' u riżorsa għall-innovazzjoni organizzazzjonali, għaż-żieda tal-produttività u l-kapaċità għall-bidla.

Taħt din it-tema, il-Fondazzjoni tista' timmira sabiex tkopri kwistjonijiet bħal: rwoli ta' l-imsieħba soċjali u l-iżvilupp ta' djalogu soċjali (speċjalment fl-Istati Membri ġodda u fil-kuntest ta' l-aġenda soċjali li qiegħda titwessa'); strutturi ġodda, forom u proċessi ta' governanza; relazzjonijiet industrijali f'SME; l-interkonnessjonijiet bejn l-istrutturi u l-livelli differenti ta' relazzjonijiet industrijali u djalogu soċjali – *links* mal-ħolqien ta' impjiegi, swieq tax-xogħol li qegħdin jinbidlu, l-iżvilupp ta' innovazzjoni u kompetittività; u r-rwol ta' sħubiji fl-antiċipazzjoni u fil-ġestjoni tal-bidla, inklużi *links* ma' awtoritajiet pubbliċi u atturi tas-soċjetà ċivili.

## Il-koeżjoni soċjali

Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ta' Marzu 2000 irrikonoxxa li l-estent tal-faqar u ta' l-esklużjoni soċjali fl-UE kien inaċċettabbli. Il-Bini ta' Unjoni iktar inklużiva għalhekk sar element essenzjali fl-otteniment tal-mira strateġika tagħha ta' 10 snin ta' tkabbir ekonomiku sostnut, iktar impjiegi u impjiegi aħjar u koeżjoni soċjali akbar.

Fl-analiżi riċenti tagħha ta' l-inkjesta Eurobarometrika dwar il-kwalità tal-ħajja fil-pajjiżi ta' l-adeżjoni u fil-pajjiżi

kandidati, il-Fondazzjoni wriet li jkun hemm ħtieġa akbar sabiex jiġu trattati n-nuqqas ta' impjieg, il-faqar u l-esklużjoni soċjali f'Ewropa mkabbra. Il-kapaċità tal-Fondazzjoni għal monitoraġġ u l-analiżi ta' żviluppi f'dan il-qasam tjiebet iktar meta ntemmet l-ewwel inkjesta tagħha dwar il-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fi 28 pajjiż Ewropew imwettqa fl-2003. Dan jassisti fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet għal studju iktar profond u jistabbilixxi l-bażi għal monitoraġġ iktar lonġitudinali ta' żviluppi tul iż-żmien.

Il-kwistjonijiet li jistgħu jiġu trattati taħt din it-tema jinkludu: ix-xjuħija, is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-isfidi ta' pensjonijiet, saħħa u kura; integrazzjoni soċjali, ekonomika u kulturali ta' migranti (impjieg, protezzjoni soċjali u *housing*); il-kwalità ta' l-ambjent u tas-servizzi pubbliċi, partikolarment fl-Istati Membri l-ġodda u fil-pajjiżi kandidati, u għal persuni bi dħul baxx jew f'żoni rurali; l-influwenza ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u innovazzjonijiet soċjali fil-ħolqien ta' l-impjiegi, innovazzjoni industrijali u s-sens ta' intrapriża; ir-rwol tas-setturi privati u mhux tas-suq fil-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali; l-inklużjoni soċjali għall-anzjani u għal gruppi oħra barra s-suq tax-xogħol.

# Il-Valutazzjoni

## ‘Noqorbu lejn ir-riżultati ta' valutazzjoni għall-ippjanar ta’ attivitajiet u t-tfassil ta’ prijoritajiet…’

Ir-Regolament Finanzjarju ġdid tal-Kummissjoni taħt il-Kapitolu 7, l-Artikolu 25.4 jobbliga lill-Fondazzjoni sabiex twettaq valutazzjonijiet regolari *ex ante* u *ex post* ta’ programmi u attivitajiet. In linja ma’ din il-ħtieġa u l-bini fuq ir-riżultati ta’ l-ewwel valutazzjoni esterna li saret fl-2000-1, il-Fondazzjoni tibqa’ ssaħħaħ il-proċeduri ta’ valutazzjoni tagħha.

Il-miri prinċipali għandhom ikunu li r-riżultati ta’ valutazzjoni jintużaw sabiex jikkontribwixxu għad-disinn ta’ attivitajiet u għall-istabbiliment ta’ prijoritajiet; li jkun hemm assistenza fl-allokazzjoni effiċjenti ta’ riżorsi; li titjieb il-kwalità ta’ l-azzjonijiet meħuda; u li jiġu rrappurtati riżultati sodisfaċenti.

*B’mod partikolari l-Fondazzjoni:*

- Tagħmel monitoraġġ ta’ l-implimentazzjoni u ta’ l-otteniment tal-miri strateġiċi tal-programm ta’ l-2005-8 u tal-programmi tax-xogħol annwali tagħha b’mod kontinwu u sistematiku, inkluża l-ġenerazzjoni ta’ *data* kwantitattiva.
- Ittejjeb l-għajnuniet u l-proċessi operazzjonali għas-sostenn tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta’ l-attivitajiet tal-Fondazzjoni, inkluża s-sistema ta’ ġestjoni ta’ kuntatt, l-intraċċar ta’ l-użu u l-impatt tar-riżultati u tas-servizzi tal-Fondazzjoni, għajnuniet u kwadri ta’ ġestjoni tal-proġetti, il-monitoraġġ ta’ l-internet, inkjesti ta’ utenti, stima ta’ konferenzi, eċċ.
- Tipprovdi *feedback* regolari dwar l-implimentazzjoni ta’ l-attivitajiet tal-Fondazzjoni lill-partijiet interessati tagħha, per eżempju fir-rapport annwali tagħha.
- Issaħħaħ il-proċessi tagħha ta’ kontroll ta’ kwalità u ta’ valutazzjoni f’livell ta’ proġett, u tipprovdi *feedback* għal titjib kontinwu tul il-programm.
- Iżżomm is-sistema tagħha ta’ involviment ta’ partijiet interessati fil-valutazzjoni ta’ prodotti u servizzi permezz tal-Kumitati ta’ Konsulenza tagħha (inkluż l-involviment possibbli ta’ esperti esterni in linja mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament rivedut li jikkonċerna l-governanza tal-Fondazzjoni).

*Il-Fondazzjoni wkoll tul il-programm ta’ erba’ snin tagħha 2005-8 tidħol għal żewġ valutazzjonijiet maġġuri esterni fl-oqsma li ġejjin:*

- Iċ-Ċentru Ewropew ta’ Monitoraġġ tal-Bidla (fl-2005);
- L-attivitajiet tal-Fondazzjoni in ġenerali (fl-2007), sabiex jiġi kopert il-perjodu mill-2001-6. Dan l-eżerċizzju jsostni l-ippjanar ta’ attivitajiet u t-twaqqif ta’ prijoritajiet għall-programm ta’ erba’ snin li jmiss.

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għixien u tax-Xogħol

**L-Ewropa li qed tinbidel: xogħol aħjar, ħajja aħjar**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2004 – 18 pp. – 16 x 23.5 cm

ISBN 92-897-0897-2

## BEJGĦ U ABBONAMENTI

Il-pubblikazzjonijiet bi ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jinsabu għand l-aġenti tagħna mad-dinja kollha.

***Kif nakkwista pubblikazzjoni?***

Wara li takkwista l-lista ta' l-aġenti tagħna, ikkuntattja l-aġent li tixtieq u agħmel l-ordni tiegħek.

***Minn fejn nakkwista l-lista ta' l-aġenti?***

- Ikkonsulta s-sit fuq l-internet ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. http://publications.eu.int/
- Jew inkella tista' tordna kopja stampata bil-fax (352) 2929-42758.

EF/04/103/MT

4
5
TJ-62-04-131-MT-C

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.eu.int*

ISBN 92-897-0897-2
9 789289 708975